# DEĊIŻJONIJIET

TAL-

# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI

## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

14 ta' Jannar, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Antonio Scerri Gauci *versus* Dottor Giovanni Scicluna, LL.D., ne. et.

**Filjazzjoni Naturali — Reklam ta' Paternità Illeġittima — Att tat-Twelid — Art. 90, 94 u 98 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-Kodiċi Ċivili Tagħna jikkontempla tliet xorta ta' azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali: dik ta' denegata paternità, dik ta' impunjazzjoni tal-leġittimità tat-tifel, u dik ta' tfittxija tal-paternità.*

*Din l-aħħar azzjoni msemmija hija mogħtija biss lit-tifel, u hija estiża lill-werrieta jew dixxendenti tiegħu fil-każ biss previst mill-art. 98 tal-Kodiċi Ċivili.*

*It-tifel għandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni oħra ma timponilu l-liġi għall-eżerċizzju ta' dik l-azzjoni. Għaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni oħra nteressati, konsistenti filli huma jkollhom jippruvaw l-impossibilità fiżika ta' koabitazzjoni tal-preżunti ġenituri tat-tifel fiż-żmien rilevanti minħabba lontananza.*

*Mela t-tifel ma hux ostakolat fl-eżerċizzju ta' l-azzjoni ta' riċerka tal-paternità tiegħu bil-fatt li dik l-impossibilità fiżika ma tirriżultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tiegħu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi fit-28 ta' Marzu 1923 twieled l-attur, u fl-att relativ għat-twelid tiegħu fir-Reġistru Publiku (dok. A) huwa jidher bħala tifel tal-konvenut Emmanuele Piscopo; peress illi fil-fatt missier l-attur huwa Felice Scerri, karrettunar, bin Beneditt, li kien mejjet meta twieled l-instanti, mitwieled l-istess Felice Scerri fl-1887 Ħal Tarxien, fejn kien joqgħod, il-lum mejjet, ma' min l-instanti dejjem għex bħala ibnu kif kulħadd jafu; peress illi l-instanti għandu interess u jrid li jirriżulta l-istat reali tiegħu, jiġifieri dak ta' tifel ta' l-imsemmi mejjet Felice Scerri, fost affarijiet oħra, biex ir-rata li huwa għandu jħallas fuq l-assi mħolli favur tiegħu mill-imsemmi Felice Scerri skond it-testment ta' dan tat-13 ta' Lulju 1946 fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella, skond il-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, tkun dik li tirregola l-persuni fil-linja diretta dixxendentali, u mhux dik bejn il-barranin kif assenjata mill-Professur Dr. Gatt nomine; l-attur talab li jiġi dikjarat illi huwa mhux it-tifel tal-konvenut Emmanuele Piscopo, iżda ta' Felice Scerri, il-lum mejjet, u għalhekk jiġi ordnat it-tibdil meħtieġ fl-att tat-twelid relativ għall-instanti, li jġib in-numru progressiv 3595 tas-sena 1923, billi dwar it-tagħrif fuq missier it-tarbija, (1) fil-kolonna dwar l-isem u l-kunjom il-kliem "Emmanuele Piscopo" jiġi sostitwit b'dak ta' "Felice Scerri", (2) fil-kolonna "Professjoni, sengħa jew stat ieħor" il-kelma "lavorante" tiġi mbiddla f'dik ta' "karrettunar", (3) fil-kolonna ta' l-età in-numru "28" jiġi mbiddel f'"35", (4) fil-kolonna ta' l-isem u l-kunjom tal-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet, il-kelma "Michel Angelo" tiġi sostitwita b'dik "Benedetto"; (5) u billi fit-tagħrif ta' l-omm, fil-kolonna ta' l-isem u l-kunjom, il-kliem "Marianna moglie di detto Emmanuele Piscopo" jiġu sostitwiti b'dawk "Marianna mart Emmanuele Piscopo"; u talab li konsegwentement jiġi dikjarat u ordnat illi t-taxxa li għandu jħallas l-instanti fuq is-suċċessjoni tal-fuq imsemmi Felice Scerri, kif assessjata mill-

konvenut Professur Dr. Gatt nomine fl-ammont ta' £404. 9. 1, hija żbaljata u għandha tiġi korretta billi tkun bażata fuq irrata stabbilita mil-liġi għall-persuni fil-linja diretta dixxendentali ta' l-istess mejjet. Bl-ispejjeż skond il-liġi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Lulju 1951, li biha dik il-Qorti ddeċediet billi ċaħdet l-ewwel talba kif inhija proposta, u in konsegwenza, u bħala li hija subordinata għal dik l-ewwel talba, ma ntrattenietx ruħha fuq it-tieni domanda "rebus sic stantibus", Dottor Gatt nomine ġie liberat bl-ispejjeż għall-attur, u ġiet riżervata lil dan l-aħħar imsemmi kwalunkwe azzjoni oħra kontra min skond il-liġi, "si et quatenus", wara li l-Qorti asteniet ruħha milli tiddeċidi t-tieni talba l-għaliex l-istess ġiet rinunzjata; billi kkunsidrat;

Illi l-fattijiet li taw lok għall-kawża odjerna huma dawn li sejrin jiġu relatati;

1. Fit-28 ta' Mejju 1923 l-attur twieled fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana minn Marianna Gauci, li kienet marbuta bi żwieġ leġittimu ma' Emmanuele Piscopo, u ġie mniżżel fir-Reġistru Publiku regolarment bħala tifel tagħhom (ara dok. A fol. 5); imma fil-fidi parrokkjali ġie mniżżel bħala iben Marianna mart Emmanuele Piscopo u "ex ignoto patre" (ara dok. B fol. 6);

2. B'testment magħmul għand in-Nutar Giovanni Vella fit-13 ta' Lulju 1946 Felice Scerri, li kien jaħdem bil-karrettun, bin il-mejjet Benedetto u Giuseppa neé Balzan, imwieled u li kien joqgħod Ħal Tarxien, fir-raba' artikolu istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil Carmelo Scerri Gauci, lill-attur odjern, u lil Giuseppe Scerri, f'terza parti kull wieħed, wara li ddikjara li kienu t-tfal tiegħu, u obbligahom li jmantnu u jagħtu l-ħwejjeġ u l-oġġetti neċessarji lill-ommhom Marianna Piscopo (dok. C fol. 7);

3. Fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi tal-5 ta' Frar 1926 l-istess Felice Scerri fuq imsemmi kien għamel testment, fejn formalment iddikjara li huwa kien missier naturali anki ta' Antonio, l-attur, li kien twieled minn Maria Piscopo, b-identifikazzjoni tagħha, u semma li kien addivjena għal dak l-att biex ikun rikonoxxut bħala missieru naturali, u l-għaliex

*fil-fidi* tat-twelid kien imniżżel li Antonio kien tifel ta' missier mhux magħruf, u li kien qiegħed jagħmel dik id-dikjarazzjoni għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. U ried u ordna li jsiru l-proċeduri kollha għar-rikonoxximent anki ta' l-attur; u in segwitu nnomina lill-attur *fost* l-eredi universali proprjetarji tiegħu;

4. Mill-proċess l-ieħor jirriżulta li Emmanuele Piscopo ġie kundannat għall-ħabs u ġie hemm imdaħħal *fit-30 ta' Settembru 1916* u ħareġ minn hemm fid-29 ta' *Marzu* 1918, u *meta ħareġ* mill-ħabs fl-annu 1918 għex *ma' martu* biss xi għaxart ijiem, u f'dan il-perijodu kellu x'jaqsam magħha, il-għaliex martu waqt li kien il-ħabs ittrakkat ma' Felice Scerri u baqgħet tgħix miegħu sa *ma miet*;

5. Kien Felice Scerri li rabba, eduka, u dejjem deher bħala missier l-attur, li sa ma kellu xi tnax-il-sena ma kienx jaf li l-istess Scerri ma kienx il-veru raġel ta' ommu. *Lil Emmanuele Piscopo*, ir-raġel ta' ommu, ma kienx *jafu bħala missieru, u qatt* ma ħaseb fih, u ġie jaf *li kien ir-raġel leġittimu ta' ommu* wara tnax-il-sena;

6. Lil Felice Scerri l-attur kien jagħtih l-appellativ ta' "missier", u Scerri lilu ta' "ibnu";

7. Emmanuele Piscopo *ma* kienx separat legalment minn martu, imma biss "*di fatto*", u huwa kien jgħix f'dawn il-Gżejjer fl-epoka tal-konċepiment ta' l-attur u fi żmien il-ġestazzjoni tiegħu, u għadu jgħix f'dawn il-Gżejjer;

*Illi l-kawża* tal-lum hija ċirkoskritta *għall-ewwel domanda u l-aħħar* waħda bħala *subordinata ta' l-istess l-ewwel talba; għaliex* it-tieni talba, kif fuq intqal, *ġiet rinunzjata;*

Illi l-ewwel talba esperita hija ndubbjament azzjoni ta' impunjazzjoni tal-leġittimità, in kwantu l-attur, li fl-att tat-twelid tar-Reġistru Publiku jidher bħala bin ommu u r-raġel tagħha Emmanuele Piscopo, qiegħed jippretendi li fil-fatt huwa mhux it-tifel leġittimu tar-raġel ta' ommu, iżda ta' Felice Scerri, *bin* Benedetto, imwieled u kien joqgħod Ħal Tarxien;

*Illi* qabel xejn jingħad li l-klawsola "ex ignoto patre", apposta *fir-reġistru parrokkjali* batteżimali *ta'* att *tat-twelid ta'* tarbija mwielda minn mara marbuta bi *żwieġ u mhix separata* minn żewġha, bħala li hija kuntrarja għal-liġi, hija nullament miktuba u mhijiex attendibili (ara Prim'Awla Ċivili 15 ta'

Jannar 1877 in re "Scerri ne. vs. Diacono", Vol. VIII, pag. 27, liema sentenza baqgħet deżerta fl-appell). Minn dana jitnissel li dwar *it-twelid ta' l-attur, in vista li ommu kienet allura marbuta bi żwieġ leġittimu,* huwa biss attendibili l-att tat-twelid tiegħu tar-Reġistru Publiku magħmul skond il-liġi (ara art. 314 (1) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta);

Illi l-azzjoni ntentata bl-ewwel damanda hija kwindi dik ta' l-abbattiment tar-regola "Pater is est quem justae nuptiae demonstrant"; u fil-verità hija azzjoni ntiża għar-riċerka tal-paternità naturali;

Illi mill-provi *jirriżulta li l-attur jippossjedi att tat-twelid li* minnu jitnissel stat ta' fatt ta' tifel leġittimu, liema att jipprova l-filjazzjoni materna biss, u dik paterna bħala konsegwenza tal-vinkolu taż-żwieġ rafforzat mill-preżunzjoni "pater is est". Iżda però l-istess attur ma jirriżultax li kellu l-pussess konformi għal dak l-att; b'mod li jonqos fil-każ tiegħu l-prova kompleta sabiex ir-regola "pater is est" tkun tista' tingħad ta' effett "juris et de jure" in kwantu għall-filjazzjoni paterna u materna. Tabilħaqq, l-attur ipprova li, għalkemm ir-raġel ta' ommu, Emmanuele Piscopo, kien għadu u *għadu sal-lum ħaj, u kien għadu jgħix* f'dawn il-Gżejjer (u ma ġiex pruvat il-kuntrarju) meta huwa kien konċepit u meta wara l-perijodu tal-ġestazzjoni ta' ommu twieled, eppure ommu f'dawk l-istess perijodi kienet illha tgħix ma' Felice Scerri xi żmien, u li l-imsemmi Scerri dejjem ħa ħsieb tiegħu, edukah, u mantnieh, b'mod li huwa sa l-età ta' tnax-il sena kien jaħseb li huwa l-veru u leġittimu raġel ta' ommu. Biex anzi juri l-oriġini tiegħu naturali huwa eżibixxa t-testmenti li fuq issemmew, ta' l-istess Felice Scerri, fejn fl-ewwel wieħed, *magħmul fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi* tal-5 ta' Frar 1926, huwa ġie rikonoxxut bħala iben naturali ta' l-istess Scerri—liema konfessjoni, non ostanti r-revoka ta' dak it-testment, tibqa' sseħħ, u del resto hija konfermata fl-aħħar testment tal-persuna msemmija, magħmula fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Vella tat-13 ta' Lulju 1946; u dan oltre l-provi li, anki skond il-fama publika fil-post fejn ommu l-attur u ħabibha kienu jgħixu, l-attur u ħutu kienu dejjem ritenuti bħala wlied l-omm u l-istess ħabibha;

*Illi b'dana kollu jingħad li, apparti l-każi mħaddna u kon-*

templati mill-art. 83 sa l-art. 88 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni ta' impunjazzjoni tal-leġittimità, meta l-istess tiġi ntentata minn min ikollu nteress, kompriż it-tifel li jkun jippreferixxi l-istat ta' illeġittimità, hija konċessa biss fi-każi mħaddna mill-art. 89 u 90 tal-Kodiċi Ċivili, kif jista' jidher mill-kummenti tal-Maġistrat Dr. Guglielmo Rapinett għall-artikoli korrispondenti 90 u 91 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873 (pubblikata f'Malta), fejn jingħad "gli altri interessati, compreso il figlio stesso che preferisce lo stato di illegittimità, esperiscono l'azione di impugnazione in due soli casi, quelli degli articoli 90 e 91" (ta' l-Ord. I ta' l-1873). Ma hemmx lok li jingħad li l-ewwel artikolu (art. 89 tal-lum) fuq imsemmi mhux applikabili għall-każ odjern; imma t-tieni artikolu (art. 90 tal-liġi in vigore) jiddetermina l-azzjoni tal-lum, in kwantu jiddisponi li l-leġittimità ta' tifel imwieled ma' tul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn min ikollu interess (kompriż it-tifel li jkun jippreferixxi l-istat ta' l-illeġittimità), jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha; liema lontananza materjali u fiżika ta' Emmanuele Piscopo, li ġiet dejjem interpretata bħala assenza minn dawn il-Gżejjer (ara Appell "Oliva vs. Agius" tat-28 ta' Mejju 1862, jew dik riportata fil-Vol. II, paġ. 159, "A. moglie dell'assente B. nomine vs. N.N.", u Prim' Awla Ċivili 15 ta' Jannar 1877 in re "Scerri ne. vs. Diacono" fuq imsemmija), ma jirriżultax li ġiet pruvata, sabiex jista' jingħad li kienet teżisti fl-epoka tal-konċepiment u tal-ġestazzjoni ta' l-attur;

Illi din l-opinjoni hija u ġiet konfermata fil-każ ta' l-azzjoni ta' reklam ta' paternità illeġittima ntentata fil-kawża "Paolo Huber ne. vs. Colonello Alessandro Mattei", maqtugħa mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Ottubru 1914 (Kollez. Vol. XXII, parte I, paġ. 177), fejn ġie konfermat dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu 1912 fl-istess kawża; u ċjoè illi l-minuri li kienet hemm imdaħħla f'dak il-proċess, bħal kwalunkwe minuri u persuna li tkun tippretendi dak il-jedd, kellha d-dritt li tagħmel ir-riċerka tal-paternità tagħha "quando l'impossibilità di essere stato generato dal marito della madre risulta dal fatto della impossibilità

della convivenza della madre con suo marito per ragion di accertata assenza di costui da queste Isole da molto prima del concepimento e durante la gestione ed all'epoca del parto". U dana juri li fl-assenza tal-prova—li tinkombi lil min jagħmel il-kawża—ta' dak il-fatt fiżiku, l-azzjoni li tkun intentata tiġi mfixkla Jingħad ukoll li l-impossibilità morali tal-koabitazzjoni mhix imsemmija fl-art. 83 tal-Kodiċi Ċivili, jew ta' l-impotenza fl-art. 84 ta' l-istess Kodiċi; u kwindi għandu jipprevali l-prinċipju "ubi lex voluit dixit":

Illi ġie deċiż ukoll (ara Appell 5 ta' Marzu 1920 in re "Carmelo Pirotta nomine vs. Rosario Borg". Kollez. Vol. XXIV, parte I, pag. 427) illi :—

1. L-azzjoni ta' kontestazzjoni ta' stat ta' tifel illeġittimu hija inammissibili biss meta jkun hemm att tat-twelid li jkun jattribwixxi stat ta' tifel leġittimu unit mal-pussess ta' stat konformi ma' dak l-att skond il-liġi, kif jidher mill-każi mħaddna mill-artikoli 89 u 95 tal-Kodiċi Ċivili (kif jirriżulta mill-espożitiva ġuridika tas-sentenza fuq ċitata "Huber ne. vs. Mattei", fejn hemm il-każ ta' konkors tant tat-titolu kemm ta' l-istat tal-persuna dik l-azzjoni hija wkoll eċċezzjonalment ammissibili, b'mod li dik l-affermazzjoni assoluta għandha tkun modifikata għall-każi f'dawk l-artikoli msemmija);

2. Li jkun hemm il-prova kompleta tal-leġittimità tat-tifel li jkun twieled fiż-żwieġ wara li jiġi stabbilit il-pussess ta' l-istat li jrid ikun konformi għall-att tat-twelid (salvo dak li eċċezzjonalment intqal fuq), b'mod li r-regola "pater is est", li hija ta' natura relativa u "juris tantum", bl-istabbiliment ta' l-istat tal-pussess ta' l-istat konformi għall-att tat-twelid, issir ta' karattru assolut, jew "juris et de jure": u ma tistax tiġi aktar kombattuta bi prova kuntrarja (salv fil-każi menzjonati sottomessi u skond l-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Ċivili);

3. Li l-pussess ta' stat ta' tifel leġittimu waħdu u bla titolu, jew, għall-kuntrarju, ta' titolu waħdu bla pussess ta' l-istat, ma jsaħħux il-preżunzjoni fuq imsemmija bħala preżunzjoni "juris et de jure";

Minn dan jitnissel illi l-ewwel żewġ affermazzjonijiet fuq ċitati ma jinteressawx din il-kawża, skond ma jidher mill-provi; il-għaliex fl-attur ma kienx hemm il-konkors tat-titolu u ta' l-istat tal-pussess; mentri hija ta' interess it-tielet affer-

mazzjoni, il-għaliex fil-każ ta' l-attur jirrikorri biss it-titolu ta' tifel leġittimu, u mhux ġà l-istat ta' pussess konformi; b'mod li jekk l-attur ried jesperixxi l-azzjoni li huwa eżerċita u seta' jeżerċita minħabba n-nuqqas ta' dik il-konkorrenza, eppure, biex jista' jingħad li seta' jesperimenta dik l-istess azzjoni b'suċċess, kien imperattiv għalih li jikkonforma ruħu għal dak li jrid, fil-każ partikulari, l-art. 90 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè, fi ftit kliem, kellu jipprova l-impossibilità fiżika tal-koabitazzjoni ta' Emmanuele Piscopo, ir-raġel leġittimu ta' ommu, fil-perijodu f'dak id-dispost imsemmi—dak li huwa ma għamelx;

Illi in bażi għall-fattijiet pruvati u għall-iskopi premessi, l-attur seta' intavola l-azzjoni tiegħu fuq terren żgur, u mhux hekk sdruċċjolevoli. Tabilħaqq, jirriżulta li Felice Scerri, il-konkubin ta' ommu, fl-att ta' l-aħħar volontà tiegħu tal-5 ta' Frar 1926, magħmul għand in-Nutar Giovanni Azzopardi, volontarjament irrikonoxxieh bħala ibnu naturali. Għalkemm dak it-testment bħala att ta' l-aħħar volontà ġie revokat, eppure d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent fih kontenuta, bħala konfessjoni tad-decujus, baqgħet sostanzjalment, skond il-liġi, valida; u bl-azzjoni odjerna l-attur wera li ried jaċċettaha. Del resto, anki fit-testment tiegħu sussegwenti, magħmul fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Vella fit-13 ta' Lulju 1946, li kien finali, l-istess decujus reġa' sostanzjalment irrikonoxxieh flimkien ma' ħutu. Huwa risaput, skond il-liġi (1) li kwalunkwe speċi ta' filjolanza leġittima tista' tiġi rikonoxxuta jew dikjarata b'sentenza, u li biss il-filjolanza sempliċi tista' tiġi leġittimata (eċċettwat ir-rikonoxximent minn parti ta' minuri, li huwa null); (2) li r-rikonoxximent għandu jiġi mpunjat mit-tifel jew minn kwalunkwe persuna li għandha interess; (3) u li r-rikonoxximent ta' tifel illeġittimu jista' jsir fl-att tat-twelid jew bi kwalunkwe att ieħor publiku anterjuri jew posterjuri għat-twelid;

Illi minn dawn il-fattijiet u prinċipji legali jitnissel li l-attur seta' kwindi talab di fronti għall-konvenut Dottor Gatt nomine, li ma kienx qiegħed jikkonoxxi att publiku, id-dikjarazzjoni ta' l-inattendibilità ta' dik in-negazzjoni ta' rikonoxximent, meta, skond l-art. 629 (a) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-att notarili, sakemm ma jiġix pruvat xejn "in contrario", huwa prova ta' dak li jkun hemm fih,

basta li tkun pruvata l-awtentiċità tiegħu; u *in subordine*, f'każ ta' *eżitu feliċi* ta' l-ewwel talba, seta' ġieb 'il quddiem, bħal ma ġieb, it-tieni talba li huwa eżerċita;

Illi din il-fehma tal-Qorti dwar x'seta' jagħmel l-attur ma tistax tingħad li hija mdaħħla fid-domanda promossa, u lanqas ekwipollentement ma *tista'* tiġi mdaħħla; il-għaliex bejn *id-dikjarazzjoni tal-paternità u d-dikjarazzjoni* li l-attur ġie rikonoxxut bħala tifel naturali hemm differenza kbira;

Illi kwindi l-ewwel talba, kif inhi proposta, ma tistax tiġi milqugħa;

Illi *t-tieni talba* hija konsegwenzjali għall-ewwel talba, u kwantu l-istess l-ewwel talba ma ġietx milqugħa lanqas ma tista' tiġi trattenuta *in bażi* għal dik it-talba li ġiet miċħuda;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur, li talab ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija tal-10 ta' Lulju 1951, tal-Prim'Awla *tal-Qorti Ċivili*, billi *tiġi* konfermata biss fejn il-Qorti asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-teni talba ċeduta, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u revokata għall-kumplament, fejn ċaħdet l-ewwel talba u lliberat lill-appellat Dottor Gatt *nomine* mit-tielet talba, billi konsegwentement jiġu milqugħa l-ewwel u t-tielet talba, b-ispejjeż relativi, salv kull dritt dwar it-tieni talba minnu ċeduta, bl-ispejjeż tat-tieni istanza kontra l-appellati;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq l-art. 90 tal-Kodiċi *Ċivili*, u ċaħdet l-ewwel talba fuq il-konsiderazzjoni li l-attur ma ppruvax l-impossibilità fiżika tal-koabitazzjoni ta' ommu u ta' żewġha Emmanuele Piscopo fl-epoka tal-konċepiment minħabba l-bogħod, fis-sens ta' assenza ta' Emmanuele Piscopo minn dawn *il-Gżejjer*;

Ikkunsidrat;

Illi l-Kodiċi Ċivili tagħna *jikkontempla* tliet xorta ta' azzjonijiet *fuq il-filjazzjoni naturali*: waħda hija dik *ta' denegata* paternità, li l-liġi tagħti biss lir-raġel ta' *omm it-tifel*, u fil-każ kontemplat fl-art. 87 testendiha lill-werrieta tiegħu (art. 84, 85, 86 u 87); it-tieni hi dik ta' impunjazzjoni tal-leġittimità tat-tifel *kontemplata* fl-art. 89 u 90, li hi mogħtija b'mod ġenerali lil kull min ikollu interess; u t-tielet hija dik ta' tfit-

**txija u reklam** ta' paternità kontemplata fis-subtitolu II tat-Titolu II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi, li hi mogħtija biss lit-tifel, u estiża lill-werrieta u dixxendenti tiegħu fil-każ biss kontemplat fl-artikolu 98. Skond l-Annotazzjonijiet tal-Maġistrat Dr. G. Rapinett fuq l-Ordinanza I ta' l-1873, ċitati mill-Ewwel Qorti, it-tifel jista' jimpunja l-leġittimità tiegħu fil-każi biss kontemplati fl-artikoli 90 u 91, il-lum 89 u 90 tal-Kodiċi (ibid. p. 25), peress li t-tifel jidħol fil-kategorija ġenerali ta' dawk kollha li jkollhom interess. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dik l-interpretazzjoni mhix korretta. L-art. 90, sa fejn setgħet tagħraf il-Qorti, huwa speċjali għall-Kodiċi Tagħna, u ma jidher fl-ebda kodiċi ta' pajjiżi oħrajn. Il-Kodiċi Tagħna jikkontempla l-azzjoni tat-tifel f'partijiet oħra, u mhux fl-artikolu 90, i.e. is-subtitolu li ġà ssemma;

U tabilħaqq, "a contrario sensu" ta' l-art. 94, il-liġi tagħti lit-tifel id-dritt li jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid ta' iben leġittimu meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' dak l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ma timponilu f'dak il-każ. Il-limitazzjoni preskritta fl-art. 90 tirrigwarda u tinsab imposta għal nies oħrajn li jista' jkollhom interess, inkwantokkè, fil-waqt li t-tifel għandu azzjoni estiża, in-nies l-oħrajn interessati għandhom biss azzjoni fil-każ ta' impossibilità ta' koabitazzjoni tal-preżunti ġenituri minħabba l-lontananza, li fil-ġurisprudenza ġiet interpretata bħala assenza mill-Gżira tar-raġel ta' omm it-tifel. U tabilħaqq, il-liġi fl-art. 88 trid li l-azzjoni ssir kontra t-tifel, u dak l-artikolu, għalkemm jippreċedi l-impunjattiva kontemplata fl-art. 89 u 90, jirrigwarda anki l-każi ta' l-artikoli 89 u 90, kif jidher mit-test oriġinali tal-liġi, fejn l-azzjoni tissejjaħ "azione per impugnare la paternità", b'distinzjoni ta' l-azzjoni tar-raġel ta' l-omm li tissejjaħ "azione di non riconoscimento" — "action of disclaimer";

Għaldaqstant il-limitazzjoni ta' l-art. 90 tirrigwarda l-azzjoni li l-interessati jġibu kontra t-tifel, u mhux l-azzjoni eżerċitata mit-tifel stess. U li din hija l-interpretazzjoni korretta jidher ċar mill-konsegwenza assurda u inikwa, li diversament kienet tiġi, li t-tifel ma kien ikollu qatt azzjoni ta' riċerka ta' paternità diversa minn dik li jagħtih l-att tat-twelid fil-każi li fihom żewġ ommu għandu l-azzjoni kontra tiegħu biex jiċ-

ħadlu l-paternità, i.e. f'każ ta' impotenza manifesta, f'każ ta' separazzjoni legali, f'każ ta' aċċidenti li jimpossibilitaw il-koabitazzjoni, f'każ ta' adulterju ta' omm bil-ħabi tat-twelid lil żewġha, u f'każi ta' suppożizzjoni u sostituzzjoni ta' parto. Manifestament din il-konsegwenza mhix kontemplata mill-liġi; anzi l-liġi stess tikkontempla l-każ ta' suppożizzjoni jew sostituzzjoni ta' parto—tarbija—anki meta jkun hemm l-att tat-twelid konformi għall-pussess ta' l-istat;

**Ikkunsidrat;**

Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' *Jannar 1877 in re "Angiola Scerri ne. vs. Lorenzo Diacono"* (Kollez. VIII, p. 30), ċitata mill-Ewwel Qorti, dina l-Qorti wriet biċ-ċar li ma setgħetx tinterpreta l-art. 90 (dari 91) fis-sens li jillimita anki għat-tifel l-azzjoni għall-każ biss ta' pruvata impossibilità fiżika tal-koabitazzjoni ta' żewġ ommu minħabba li kien bogħod minnha; għax fid-dispożitiv dik ilQorti rriżervat l-azzjoni lit-tifel "quando divenuto maggiorenne, se il possesso di stato e la futura giurisprudenza rendono conciliabile l'esercizio in lui, direttamente e di propria libera scelta, di una azione a rinnegare la paternità legittima e ricercare una illegittima e adulterina";

**Ikkunsidrat;**

Illi, salv il-każ ta' suppożizzjoni jew bdil ta' tarbija kontemplat fl-art. 95, l-unika limitazzjoni li t-tifel għandu fl-azzjoni ta' riċerka ta' paternità hija dik kontemplata fl-art. 94, meta l-att tat-twelid ikun konformi mal-pussess ta' l-istat tiegħu; u għalhekk l-art. 90 jillimita l-estensjoni ta' l-azzjoni lil kulħadd barra lit-tifel stess—salv dejjem l-apprezzament tal-*provi da parti tal-ġudikant;*

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-każ ta' l-attur, jekk huwa veru li ma ġietx pruvata l-lontananza tar-raġel ta' ommu fis-sens ta' assenza mill-Gżira fl-epoka tal-konċepiment, b'dana kollu jirriżultaw ċirkustanzi oħra ta' qawwa kbira li juru li missier l-attur ma kienx ir-raġel ta' ommu, iżda kien Felice Scerri. U tabilħaqq, omm l-attur u r-raġel tagħha sa minn żmien twil qabel il-konċepiment u t-twelid ta' l-attur kienu mifrudin "de facto", u omm l-attur kienet tgħammar regolarment "more uxorio" ma' dak Felice Scerri f'dar waħda. L-attur qatt ma għaraf lir-raġel

ta' *ommu* bħala missieru, u dan ir-raġel qatt ma għaraf lill-attur bħala ibnu, fil-waqt li l-attur għaraf lil Felice Scerri bħala missieru, u Felice Scerri kien jagħraf u jittratta lill-attur bħala ibnu f'daru u publikament, u b'hekk ukoll magħruf man-nies, tant li kien iġib u jissejjaħ bil-kunjom ta' dak Felice Scerri. Immela kellu "*nomen, tractatus et fama*" bħala iben naturali ta' Felice Scerri, u għalhekk kellu l-pussess ta' l-istat ta' iben naturali ta' dak il-bniedem, b'esklużjoni tar-raġel ta' ommu. U fuq dan kollu hemm l-aqwa prova, billi Felice Scerri stess fit-testment tiegħu għarfu bħala ibnu naturali u ħallieh b'werriet flimkien ma' ħutu l-oħra. Dana jneħħi kull xorta ta' dubju li qatt jista' jkun hemm, u għar-raġuni li ssemmiet aktar il-fuq m'huwiex ta' ostakolu għall-laqgħa ta' l-azzjoni ta' l-attur in-nuqqas ta' prova ta' l-assenza tar-raġel ta' ommu fi żmien il-konċepiment. Għaldaqstant l-ewwel talba għandha tiġi milqugħa;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-aħħar talba, bħala korollarju ta' l-ewwel talba, għandha wkoll tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell ta' l-attur, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kapi devoluti lilha, u tilqa' t-talbiet ta' l-attur li ma ġewx rinunzjati; u minħabba n-natura u l-kontestazzjonijiet tal-kawża, tordna li l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-konvenut Gatt *nomine* u nofs mill-attur.

---